# Giuseppe Calì (1846-1930) u l-Pitturi tal-Parroċċa

Tagħrif miġbur minn **Keith Muscat**



*Pittura minn Edward Caruana Dingli li turi lill-għalliem tiegħu Giuseppe Calì.*

Il-Knisja Parrokkjali ddedikata lil Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar hija mogħnija b'xejn inqas minn seba' pitturi ta' Giuseppe Calì. Kien proprju mitt sena ilu, nhar il-21 ta' Jannar 1904, li l-Markiża Anna Buġeja kkummissjonat lil Calì sabiex ipitter ħames pitturi taż-żejt permezz ta' kuntratt li sar quddiem in-Nutar Alfons Maria Micallef. Dawn il-pitturi li għadhom jitgawdew sal-lum huma l-kwadru titulari li juri l-Marija Addolorata taħt is-salib, San Franġisk, Sant'Antnin (li minfloku kellu jsir kwadru tal-Madonna ta' Pompej), San Pawl u l-Immakulata Kunċizzjoni. Dawn il-kwadri qabel tkabbret il-knisja fis-snin sebgħin kienu fuq l-altari tal-ġnub, però dawn l-altari tneħħew u llum jinsabu fuq il-konfessjonarji. Dawn l-opri swew L 70 u tħallsu mill-istess Markiża Anna Bugeja. Fl-1915 Giuseppe Calì ġie kkummisjonat ipitter żewġ kwadri oħra għall-kor li jirrappreżentaw id-Difna u l-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju. Illum dawn il-pitturi jinsabu fil-ġnub tal-knisja.

Ħamsa u għoxrin sena ilu, fl-1979 il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, mgħejun minn Patri Sebastjan Scicluna OFM Conv., wettaq xogħol ta' tindif u restawr fuq dawn il-pitturi.

Il-Pittur ċelelebri Giuseppe Calì twieled il-Belt Valletta nhar l-14 ta' Awissu 1846 minn ġenituri Naplitani Raffaele u Giovanna Padiglion. Missieru kien pittur u mużiċista. Giuseppe għamel l-istudju tieghu fl-Accademja delle Belle Arti ta' Napli taħt Giuseppe Mancinelli. Fl-1894 Calì mar joqgħod Ħal-Tarxien fejn insibu għadd ta' xogħlijiet tiegħu fil-Knisja Parrokkjali. Bosta knejjes f'Malta u Għawdex huma msebbħa bil-kwadri ta' dan il-pittur, x-xoghlijiet tieghu jinsabu wkoll fil-Mużew Nazzjonali. Il-Professur Giuseppe Calì miet ta' 84 sena fl-1 ta' Marzu 1930 u jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.